IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru35 (Ħamsa u Tletin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta, 19t'April 2016, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Viċi Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Joe Azzopardi |
| | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| Skużati | |
| Ambaxxatur taż-Żgħażagħ | Nicole Buttigieg |
| L-Uffiċjal | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.

   1.1 Kulħadd preżenti.

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti – Il-minuti ttieħdu bħala moqrija.

   2.1 Minuti ittieħdu bħala moqrija u approvati

   2.2 Korrezzjoni – Rigward il-ħargiet kulturali is-Sinjura Doris Borg qalet li hi kienet ilha issemmiha biex ikun hemm it-trasparenza. Is-Sur Valvo qal ukoll li jaqbel u għalhekk propju fil-laqgħa ta' qabel issemma ir-rendikont.

   2.3 Korsijiet tal-Kompjuter – Is-Sinjura Doris Borg qalet li hi kienet offriet li tgħallem il-kompjuter hi ukoll.

IX-XGĦAJRA

3. Item Nru 3 fuq l-Aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-Laqgħa ta' qabel:

3.1 SSTP – Is-Sindku qal li l-irwejjaħ qed jiżdiedu u jidher car li hemm xi ħaġa mhux taħdem sew. Il-Kunsill qabel biex issir laqgħa tal-Monitoring Committee nhar il-Ħamis 28 t'April fid-9am.

3.2 Rampa Sports Complex – Għandna korrispondenza bejn il-Perit tagħna MED Design u l-Perit ta' Trasport Malta, Charlene Bonnici fuq l-ispejjeż u l-kontijiet pendenti. Għandna commitment li din ir-rampa ssir minn Trasport Malta. Hemm spejjeż ta' tindif tat-terrapin li kien waqa' meta sfrundat it-triq li ser ikun inkluż ukoll fix-xoghol ta' Trasport Malta.

3.3 Ħaddiema tal-IPSL mir-regjun – Is-Sindku qal li l-ħaddiema li kellhom jirrangawlna l-ħitan tas-sejjiegħ ġew pero' qalu li ma jafux jagħmlu xogħol ta' dan it-tip u għalhekk qabbadnihom biex jagħmlu sinjali tat-toroq. Sar xogħol tajjeb madwar ix-Xgħajra u ser nerġgħu inqabbduhom biex jerġgħu jiġu f' Lulju.

3.4 Bus Shelter – Is-Sindku qal li rigward biex isir bus shelter ġdid f' Dawret ix-Xatt tajjeb li nistaqsu l-Kuntrattur Mario Mallia biex naraw jekk għandux shelters użati.

3.5 Tabelli tat-toroq u *directional signs* – Is-Sindku qal li l-Kunsill talab l-għajnuna lil Trasport Malta pero t-talba ma ġietx milqugħa għaliex qalu li dawn taħt ir-responsabbilta tal-Kunsill u mhux tal-awtorita'.

3.6 Korsijiet tal-Kompjuter – Is-Sindku qal li għalissa għadu kollox kif kien. Il-pjan għadu li jsiru dawn il-korsijiet pero' id-data ser tiċċaqlaq għal bidu tas-Sajf. Ser ikollna aktar dettalji fil-laqgħa li jmiss.

4. Item Nru 4 Fuq l-Aġenda – Korrispondenza

IX-XGĦAJRA

4.1 Is-Sindku qal li r-riżenja ta' Nicole m'aċċettajiex minħabba li kien hemm affarijiet mhux minnhom f'dak li kitbet. Is-Sur Valvo qal li ser jibgħatilha ittra fejn jaċċetta r-riżenja imma jiċċara xi affarijiet.

4.2 Rapport Finanazjarju – Is-Sur Valvo qal li rċevejna il-*Financial Statements* awditjati u spjeghom. Il-Kunsill approvhom b' erbgħa voti favur u astenzjoni tas-Sinjura Doris Borg.

4.3 Laqgħa Annwali – Is-Sindku fakkar fil laqgħa annwali ta' din is-sena li ser issir nhar l-Erbgħa 4 ta' Mejju fil-5.30pm. Is-Segretarju Eżekuttiv diġa' ppubblika l-avviż fuq il-Gazzetta tal-Gvern u issa jmiss li nhar il-Ħadd l-1 ta' Mejju jinħargu l-avviżi fuq il-Gazzetti It-Torca u il-Mument.

5. Item Nru 5 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

5.1 Pagamenti gew awtorizzati b' 4 voti favur u astenzjoni tas-Sinjura Doris Borg.

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

6.1 Is-Sur Joseph Azzopardi talab biex isir refreshing ta' sinjali tat-toroq fi Triq Alof De Wignacourt kantuniera ma' Triq il-Fortizza tal–Grazzja minħabba l-aċċident li sar. Il-Kunsill tkellem fuq din il-junction u rega' issemma li din il-junction qiegħda skont l-ordni ta' Trasport Malta.

6.2 Latrina Pubblika – Ix-xogħol ta' rinnovazzjoni tal-Latrina miexi sewwa għalkemm bil-mod. Il-Kunsill talab ukoll li jinbidlu l-aperturi għaliex ilhom ħafna snin u qegħdin fi stat ħażin ħafna.

6.3 CCTV Triq il-Fortizza tal-Grazzja – Il-Kunsill qabel li tiċċaqlaq minn fejn qiegħda sabiex inkunu nistgħu naraw in-numru ta' registrazzjoni tal-vetturi li jiġu bihom u jarmu illegalment.

6.4 Ittra Sqaq Ras il-Gebel – Il-Kunsill qabel li nibgħatu lis-Sid biex jerfa r-responsabilta u jirranga iċ-ċint u il-periklu li hemm.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Attivita' ta' Lapsi 2016

7.1 Attivita ta' Lapsi fix-Xgħajra – Lapsi fix-Xgħajra din is-sena ser issir nhar id-29 ta' Mejju u li fiha din id-darba ser ikollna il-Gostra għal 5pm u issegwi s-serata ta' kant u żfin fil-Belveder. Għal Lapsi għandna allokati fondi mid-Dipartiment li jammontaw €2,000. Fil-laqgħa li jmiss ser ikollna aktar dettalji u l-programm komplut.

7.2 Nhar il-Ħadd, 5 ta' Ġunju ser ikollna Xgħajra Day. Għal din il-ġurnata ser ikollna maratona filgħodu u filgħaxija quddiesa fis-6pm u jsegwi riċeviment ta' ringrazzjament.Fil-gurnata ta' qabel, is-Sibt filghodu, se jkun hemm tournament ta' football fix-Xgħajra Tornados.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

8.1 Is-Sur Joseph Azzopardi tkellem fuq il-kennies u qal li l-kennies li għandna jaħdem tajjeb ħafna pero' jidher li mhux ser idum ħafna minħabba raguni ta' saħħa. Hu mhux ileħħaq it-toroq kollha u għalhekk għandu bżonn ta' aktar għajnuna. Inkellmu lil kuntrattur, Wilson sabiex jara kif ser isolvi din il-problema.

8.2 Is-Sinjura Doris Borg qalet li galadarba irrangajna l-gandott li kien hemm quddiem il-librerija kemm huwa possibbli nirranġaw il-problema ta' ilma li jinżel fejn il-kamra max-xatt fejn il-Milord. Is-Sindku qal li din hija problema li diġa' kellimna lil Trasport Malta fuqha għaliex mhux xogħol ta' ftit ħin imma hemm xogħol ta' spejjeż kbar. Din it-triq kienet saret minn kuntrattur ta' Trasport Malta u għalhekk iridu jirranġawha huma.

8.3 Is-Sinjura Doris Borg semmiet il-banju ta' fejn il-Milord u qalet li hi kienet issuġġeriet li nirranġaw dan il-banju għaliex qiegħed jiddigrada. Is-Sindku qal li din konna diġa' tkellimniha fil-passat u anke ġibna stima tax-xogħol u liema stima kienet tleħħaq it-€23,000. Il-Kunsill m' għandux dawn il-fondi u għalhekk dan ix-xogħol ma jistax isir.

8.4 Is-Sinjura Borg tkellmet fuq il-*Bus Stop* li hemm fi Triq Alof De Wignacourt u qalet li f' dan il-*bus stop* ma hemmx il-ħinijiet tar-rotot bħal *bus stops* l-oħra. Għalhekk ser inkellmu lil Trasport Malta biex jaġġornawna.

IX-XGĦAJRA

8.5 Is-Sinjura Antonia Buttigieg qalet li fil-bandli għandna bżonn *mobile toilet*. Is-Sindku qal li dan mhux possibbli minħabba li *mobile toilet* jigi jiswa €30 kuljum jew aħjar €10,950 fis-sena, liema spiża l-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jagħmilha.

8.6 Is-Sur Neil Attard qal li sabuh xi nies u qalulu li l-bandli qiegħed jagħlaq fit-8.15pm u talab biex jibda jagħlaq fl-10pm. Is-Sindku qallu li l-ħinijiet tas-Sajf jibdew minn Ġunju.

8.7 Is-Sinjura Buttigieg qalet li hemm ħafna skart wara l-blokki fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja. Il-Kunsill qabel li nġibu skip u nnaddfu dan is-sit.

8.8 Health Talk – Is-Sindku qal li l-aħħar *health talk* li kellna kienet fuq il-*keeping a healthy weight.* Din il-laqgħa kienet interessanti u attendew aktar minn 12-il ruħ.

9. Item Nru. 9 fuq l-Aġenda - Aġġornament

9.1 Aġġornament għat-Tlieta, 24ta' Mejju, 2016 fil- 5.30pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ______________________ | ______________________ |
| Ranier Busuttil | Anthony Valvo |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt